MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 864/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Farrugia Michael**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fit-30 ta' April, 2003, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u disgha u erbghin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm349.78) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 3939 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Gunju 2002 u Ottubru, 2002;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar, dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, u bl-imghaxijiet sad-data**

**tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta' attrici fis-26 ta' Marzu, 2004 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut, u peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u disgha u erbghin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm349.78) bl-imghaxijiet legali mit-28 ta' Frar, 2003 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar, dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------